

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [Talbiet Żgħar](#) > [Scotland](#)

# Talbiet żgħar

Skozja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

## 1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Fl-Iskozja, qabel it-28 ta' Novembru 2016, il-Qrati tax-Xeriff (Sheriff Courts) kellhom proċedura għal talbiet żgħar li kienet proċedura ssimplifikata li tittratta talbiet monetarji sa limitu ta' £3,000.

Mit-28 ta' Novembru 2016, ġiet introdotta forma ġdida ta' talba magħrufa bħala Proċedura Sempliċi (Simple Procedure).

Il-proċedura li jmiss ta' fuqha tissejjaħ Kawża Sommarja (Summary Cause), li tittratta kawżi sa £5,000 u hija ftit aktar ikkumplikata mill-Proċedura Sempliċi.

### Proċedura Sempliċi

Mit-28 ta' Novembru 2016, kull min jagħmel talba li jkollha valur monetarju ta' £5,000 jew anqas li tftitex ħlas, teħid, irkupru ta' pussess ta' proprjetà mobbli, jew ordni sabiex xi ħadd jagħmel xi ħaġa speċifika, jenħtieġ li juża l-[Proċedura Sempliċi](#).

Il-Proċedura Sempliċi hija proċess tal-qorti mfassla sabiex tipprovidi mod rapidu, mhux għali u informali għas-soluzzjoni ta' tilwim meta l-valur monetarju ma jkunx jaqbeż il-£5,000.

Rikorrent jagħmel talba lil-Qorti tax-Xeriff (Sheriff Court). Il-parti li t-talba ssir kontriha tissejjaħ l-intimat. Id-deċiżjoni finali f'talba ssir minn xeriff (sheriff) jew minn xeriff sommarju (summary sheriff). M'għandekx bżonn tuża avukat sabiex tuża l-Proċedura Sempliċi iżda tista' tagħmel dan jekk tixtieq.

Aktar informazzjoni dwar il-Proċedura Sempliċi tista' tinkiseb mis-sit web [tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali Skoċċiżi \(Scottish Courts and Tribunals Service\)](#).

### 1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Il-Proċedura Sempliċi tiegħu post il-proċedura preċedenti għal talbiet żgħar. Tiegħu wkoll post il-proċedura ta' Kawża Sommarja (Summary Cause), iżda biss meta jkollha x'taqsam ma' azzjonijiet għall-ħlas, għat-teħid jew għall-irkupru tal-pussess ta' proprjetà mobbli, jew ma' azzjonijiet li jordnaw lil xi ħadd sabiex jagħmel xi ħaġa.

Azzjonijiet għal Kawżi Sommarji jistgħu jiġu ppreżentati bħala azzjonijiet ta' sekwestru (actions of furthcoming) (tip ta' azzjoni ppreżentata għall-irkupru ta' flus jew ta' proprjetà), azzjonijiet ta' rendikont u ħlas (count reckoning and payment), irkupru tal-pussess ta' proprjetà li tintiret, konsenja, u manteniment temporanju. Jekk ikun hemm talba alternattiva għall-ħlas, din trid tkun għal anqas minn £5,000.

### 1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Azzjoni ppreżentata jew bħala Proċedura Sempliċi jew bħala Kawża Sommarja (Summary Cause) trid issewgi r-regoli tal-qorti, li huma obbligatorji. Dawn jistgħu jinkisbu mis-sit web [tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali Skoċċiżi](#).

### 1.3 Formoli

Hemm formoli speċifiċi għall-istadji kollha tal-Proċedura Sempliċi u tal-Kawża Sommarja (Summary Cause) eż. formola tat-talbiet/ċitazzjoni għall-preżentazzjoni tal-azzjoni, forma ta' deċiżjoni/kopja tad-digriet. Huwa obligatorju li jintużaw il-formoli, li huma stabbiliti fir-Regoli tal-2016 dwar Proċedura Sempliċi (Simple Procedure Rules 2016) u fir-Regoli tal-2002 dwar Kawża Sommarja (Summary Cause Rules 2002). Dawn il-formoli jinsabu fuq is-sit web [tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali Skoċċiżi](#).

### 1.4 Assistenza

L-Uffiċċju tal-Iskrivan tax-Xeriff (Sheriff Clerk's Office) jista' jgħin fil-mili tal-formola tat-talba (Formola 3A) u aġenziji ta' konsulenza bħall-Uffiċċju ta' Pariri għaċ-Ċittadini (Citizens Advice Bureau) joffru l-għajjnuna wkoll. Jekk tkun meħtieġa aktar informazzjoni dwar il-Proċedura Sempliċi, jenħtieġ li jsir kuntatt mal-Qorti tax-Xeriff (Sheriff Court) lokali tar-rikorrent.

Informazzjoni dwar il-Qrati tax-Xeriff (Sheriff Courts) fl-Iskozja tista' tinkiseb mis-sit web [Scottish Courts and Tribunals Service](#).

### 1.5 Regoli dwar is-smiġħ tal-provi

Is-seduti tal-Proċedura Sempliċi jsiru b'mod informali kemm jippermettu ċ-ċirkustanzi tat-talba. Ix-Xeriff (Sheriff) jew ix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff) jispjega kwalunkwe terminu jew espressjoni legali li jintużaw. Dokumenti u evidenza oħra jistgħu jiġu ppreżentati lill-qorti u r-regoli sempliċi jistabbilixxu l-proċeduri għal dan l-għan inkluż x'għandu jintbagħat lir-rikorrent jew inkella lill-intimat u kwalunkwe terminu applikabbli għall-preżentata ta' dokumenti jew provi oħra.

### 1.6 Proċedura bil-miktub

Il-proċedura tkun bil-miktub biss jekk l-azzjoni ma jkollhiex difiża. Madankollu, jekk ikun hemm difiża, il-kawża tista' tkun teħtieġ li wieħed jitle' l-qorti għal seduta jew, inkella, ix-Xeriff (Sheriff) jew ix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff) jista' jieħu deċiżjoni mingħajr seduta.

Ix-Xeriff (Sheriff) jew ix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff) jista' jiddeċiedi wkoll li ssir diskussjoni dwar il-ġestjoni tal-kawża. Diskussjoni dwar il-ġestjoni tal-kawża ssir fl-awla tal-qorti jew fi kwalunkwe post ieħor deċiż mix-Xeriff (Sheriff) jew mix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff). Ix-Xeriff (Sheriff) jew ix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff) jiddeċiedi wkoll kif se ssir id-diskussjoni, pereżempju, permezz ta' vidjokonferenza, awdjokonferenza jew kwalunkwe format ieħor li jagħżel.

### 1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Fi tmiem is-seduta, ix-Xeriff (Sheriff) jew ix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff) jista' jew jieħu deċiżjoni minnufih, jew jista' jieħu ż-żmien għall-kunsiderazzjoni qabel ma jieħu deċiżjoni. Meta x-Xeriff (Sheriff) jew ix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff) jieħu ż-żmien sabiex jikkunsidra deċiżjoni, id-deċiżjoni trid tittieħed fi żmien 4 ġimgħat mid-data tas-seduta.

Meta tittieħed deċiżjoni bil-partijiet preżenti, ix-Xeriff (Sheriff) jew ix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff) għandu jispjega r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni. Jekk jittieħed iż-żmien sabiex tiġi kkunsidrata d-deċiżjoni, trid tittejjja nota li tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni.

### 1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Normalment ma jkun hemm l-ebda għoti tal-ispejjeż imġarrba f'Talba skont il-Proċedura Sempliċi li fiha l-valur tat-talba jkun ta' £300 jew anqas.

Jekk il-valur ikun akbar minn £300 iżda mhux aktar minn £1500, l-ammont massimu tal-ispejjeż li normalment jista' jingħata mill-qorti lill-parti li tirbaħ ma jistax jaqbeż il-£150.

Jekk il-valur ikun akbar minn £1,500 iżda mhux aktar minn £3,000, l-ammont massimu tal-ispejjeż li normalment jista' jingħata mill-qorti lill-parti li tirbaħ ma jistax jaqbeż l-10% tal-valur tat-talba.

Għal talbiet li l-valur tagħhom ikun bejn £3,001 u £5,000, tapplika b'mod simili r-regola ġenerali li min jitlef iħallas l-ispejjeż tal-parti li tirbaħ. Jekk parti jkollha avukat, dawn l-ispejjeż jistgħu jkunu ogħla. Aktar informazzjoni dwar l-ispejjeż tista' tinkiseb mis-sit web [tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali Skoċċiżi](#).

Azzjonijiet tal-Kawża Sommarja (Summary Cause) ma għandhomx l-istess restrizzjonijiet u rendikont tal-ispejjeż normalment jiġi vvalutat mill-Iskrivan tax-Xeriff (Sheriff Clerk), u mbagħad jiġi approvat mix-Xeriff (Sheriff) jew mix-Xeriff Sommarju (summary Sheriff).

## 1.9 Il-possibilità ta' appell

Deċiżjoni tal-Proċedura Sempliċi tista' tiġi appellata. Appell quddiem il-Qorti ta' Appell tax-Xeriff (Sheriff Appeal Court) irid isir permezz ta' nota ta' appell fil-Formola 16A u jiġi ppreżentat quddiem il-qorti li tkun ittrattat it-talba tal-Proċedura Sempliċi (Simple Procedure) fi żmien 4 ġimgħat minn meta l-Iskrivan tax-Xeriff (Sheriff Clerk) jibgħat il-Formola tad-Deċiżjoni lill-parti li tirbaħ. Hemm dispożizzjonijiet separati dwar l-appell għall-Kawża Sommarja (Summary Cause) u aktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sit web [tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali Skoċċiżi](#).

Madankollu, f'każ ta' Proċedura Sempliċi (Simple Procedure) mingħajr difiża, jista' jiġi ppreżentat rikors quddiem il-qorti għall-annullament ta' deċiżjoni tax-Xeriff (Sheriff) jew tax-Xeriff Sommarju (summary Sheriff). Dan jista' jsir f'ċerti ċirkustanzi u r-rikors irid isir permezz tal-Formola 13B. Aktar informazzjoni dwar il-proċedura ta' annullament ta' deċiżjoni tista' tinkiseb mis-sit web [tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali Skoċċiżi](#).

## ¶oloq relatati

Is-sit web [tas-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali Skoċċiżi](#) fih ir-Regoli dwar il-Proċedura Ordinarka (Ordinary Procedure), tal-Kawża Sommarja (Summary Cause) u tal-Proċedura Sempliċi (Simple Procedure).

Xeriff Sommarju (Summary Sheriff)

Il-kariga ta' xeriff sommarju (summary sheriff) ġiet stabbilita mill-Att tal-2014 dwar ir-Riforma tal-Qrati tal-Iskozja [Courts Reform (Scotland) Act 2014]. Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mis-sit web tal-[Ġudikatura tal-Iskozja \(Judiciary of Scotland\)](#).

---

■ L-aħħar aġġornament: 24/11/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.